# L-Aħjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

## Kategorija tal-prattika: Kurrikuli Innovattivi jew Pjan ta' Taħriġ fi kwalunkwe Qasam Partikolari

Tip ta' prattika: L-Aħjar Prattika

Pajjiż: L-Italja

April 2014

| **Titlu tal-prattika** | Tagħqid ta' Dixxiplini Differenti fl-Għoti ta' Taħriġ għall-Imħallfin u l-Prosekutur |
|---|---|
| *Karatteristiċi prinċipali:* | Fl-**Italja**, ġie mfassal programm ta' taħriġ li jipprova jestendi t-taħriġ inizjali tal-imħallfin biex jinkludi analiżi fil-fond tal-kuntest soċjali, politiku u ekonomiku li s-sistema ġudizzjarja taħdem fih. Din il-prattika għandha l-għan li tintroduċi fil-kurrikulu ta' taħriġ inizjali, kontenut li għandu jagħmel lill-imħallfin u l-prosekuturi żgħażagħ iktar konxji tal-kuntest ekonomiku, soċjali, politiku u kulturali li l-attività ġudizzjarja tagħhom issir fih.<br><br>Il-ħsieb wara dan l-approċċ, li kien inkorporat direttament fil-linji gwida Taljani għal taħriġ inizjali, huwa li jkun importanti li t-taħriġ jintuża biex jiżviluppa kuxjenza ekonomika, soċjali u kulturali fost il-ġudikatura f'epoka meta għal għadd ta' raġunijiet (pereż. l-iżvilupp tal-midja u l-midja soċjali, il-multikulturaliżmu u l-multietniċità, il-kriżijiet ekonomiċi, u żviluppi rapidi fil-bijoloġija u l-mediċina), l-applikazzjoni tal-liġi ma tistax tiġi sseparata mill-għarfien tax-xjenzi soċjali u dixxiplini relatati oħrajn. |
| *Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni* | Italian School for the Judiciary (SSM)<br>Via Tronto n 2<br>00198 Rome<br>Italy<br>Telefown: + 39 685271204<br>Faks: + 39 685271270<br>Email: segreteria@scuolamagistratura.it<br>Sit elettroniku: http://www.scuolamagistratura.it |

| | |
|---|---|
| *Kummenti oħrajn* | L-immersjoni tal-persuni f'taħriġ, matul it-taħriġ inizjali, f'istituzzjonijiet barra mis-sistema ġudizzjarja għal perjodu partikolari taż-żmien titqies bħala **L-AĦJAR PRATTIKA** jekk l-iskeda ta' taħriġ nazzjonali u l-prijoritajiet ta' taħriġ stabbiliti jippermettu dan.<br><br>Il-programm għandu l-għan espliċitu li jirrifletti l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 56 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar l-imħallfin: indipendenza, effiċjenza u responsabilitajiet |

Sors: **Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)**